**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 6 ta' Marzu 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 181/2023 JPG**

**Kawza nru.: 21**

**DB**

**Vs**

**JX**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DB datat 29 ta' Marzu 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fis-26 ta` Ottubru tas-sena 1985 ġewwa Malta, hekk kif jidher miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieg twieldu tlett itfal, lkoll maġġiorenni, 'l fuq mill-eta' ta' 23 sena u lkoll f'impjieg fiss;*

*Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Erika Vella datat it-8 ta' Mejju tas-sena 2003 hekk kif jidher minn kopja hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li fi ftit xhur huma jagħlqu għoxrin (20) sena separati legalment;*

*Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta` manteniment vis-a-vis il-partijiet stante li fil-*

*kuntratt imsemmi m'hemm l-ebda manteniment maħsub għall-partijiet, u kif diġa ingħad aktar l-fuq, l-uliedhom għandhom l-eta' tagħhom u kollha jaħdmu;*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta` Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat ma ppresenta ebda risposta izda ppresenta l-affidavit tieghu (vide fol 35);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 14)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar is-26 ta' Ottubru 1985 u li minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 8 ta' Mejju 2003 fl-atti tan-Nutar Dr Erika Vella. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide affidavit fol 35 )** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif***

***hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-26 ta' Ottubru 1985 liema zwieg jgib certifikat numru 2002/1985 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Erika Vella nhar it-8 ta' Mejju 2003 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2002/1985 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**